BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA
STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 10/2009**

**Ottubru 2009**

L-aħħar kummentarju fuq l-istatistika monetarja maħruġa mill-Bank Ċentrali ta' Malta għax-xahar ta' Ottubru 2009 turi li l-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro kibret bi EUR118.3 miljun, biex laħqet EUR8.7 biljuni. Minħabba f'hekk, ir-rata annwali fit-tkabbir tiegħu kienet anqas negattiva biex telgħet għal -1.7% minn -2.4% f'Settembru.

Il-komponent monetarju ristrett (M1) kiber b'EUR54.6 miljun, jew 1.3%, matul ix-xahar, minħabba żieda fid-depożiti *overnight*. Dawn kibru bi EUR48.0 miljun, jew 1.4%, l-aktar minħabba li żdiedu l-bilanċi miżmuma minn individwi Maltin, kumpaniji lokali tal-assigurazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji li mhumiex banek. Id-depożiti *overnight* miżmuma minn residenti oħra taż-żona tal-euro żdiedu wkoll bi ftit matul ix-xahar. Sadanittant, il-flus maħruġa żdiedu b'EUR6.6 miljuni, jew 1.1%. Minħabba f'hekk, fuq bażi annwali, ir-rata tat-tkabbir tal-M1 irpiljat għal 10.8% minn 8.0% f'Settembru.

Iż-żieda fl-M1 ikkontribwiet għal tkabbir fil-komponent monetarju intermedju (M2) ta' EUR109.3 miljuni, jew 1.3% f'Ottubru. Id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas kibru b'mod qawwi, b'żieda ta' EUR53.0 miljun, jew 1.2%. F'din il-kategorija, id-depożiti ta' residenti lokali kibru b'EUR109.1 miljuni minħabba bilanċi ogħla ta' kumpaniji privati mhux finanzjarji. B'riżultat ta' dan, ir-rata annwali tat-tkabbir ta' dawn id-depożiti telgħet għal -11.6% f'Ottubru minn -12.3% ix-xahar qabel. Fil-frattemp, id-depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas kibru bi ftit.

B'kollox, id-depożiti ta' residenti lokali kibru b'EUR152.0 miljun f'Ottubru. B'riżultat ta' hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tagħhom saret anqas negattiva, biex kibret għal -1.1% minn -3.1% f'Settembru. Għalkemm depożiti li jinfdew b'avviż ta' sentejn jew anqas żdiedu għall-ewwel darba fi żmien ħames xhur, id-depożiti *overnight* baqgħu attraenti minħabba li naqas id-disinċentiv li żżomm assi daqshekk likwidi minħabba r-rati tal-imgħax baxxi ta' bħalissa. Fl-istess waqt, id-depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' aktar minn sentejn, li mhumiex parti mill-M3, żdiedu wkoll.

Is-self lil residenti ta' Malta kiber bi EUR32.0 miljun f'Ottubru, biż-żieda tkun dovuta għas-self lil residenti esklużi il-gvern ġenerali. Is-self lil din il-kategorija żdied b'EUR31.3 miljun bil-maġġor parti jkun self personali għall-iffinanzjar ta' xiri ta' djar. B'kuntrast ma' dan, is-self lis-settur tal-kostruzzjoni, tal-manifattura u tal-proprjetà, kiri u negozju naqas. Sadanittant, is-self lill-gvern ġenerali baqa' bejn wieħed u l-ieħor l-istess, b'żieda ta' EUR0.7 miljun matul ix-xahar. Kollox ma' kollox, ir-rata annwali tat-tkabbir fis-self lil residenti Maltin ċkienet bi ftit għal 10.3% minn 11.1% f'Settembru.

Fl-istess ħin, is-self lil residenti ta' Stati Membri oħra taż-żona tal-euro kiber konsiderevolment b'EUR426.8 miljun f'Ottubru. Dan irrifletta l-aktar żieda fil-bilanċi ta' titoli maħruġa minn gvernijiet tal-kumplament taż-żona tal-euro u li huma miżmuma minn banek lokali. Għalhekk, is-self totali lil residenti taż-żona tal-euro kiber b'EUR458.8 miljun f'Ottubru.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn banek residenti f'Malta u residenti barra ż-żona tal-euro, naqset b'EUR475.5 miljun, jew 6.9%, f'Ottubru. L-obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro naqsu minħabba tnaqqis fis-self mogħti minn istituzzjonijiet monetarji u finanzjarji lokali. Fl-istess ħin, żieda qawwija fl-obbligazzjonijiet irriflettiet tkabbir fl-ammonti ta' depożiti fissi jew b'avviż immedjat minn residenti barra ż-żona tal-euro, kif ukoll self akbar meħud minn banek residenti mingħand banek barra ż-żona tal-euro.

F'Ottubru l-kontropartijiet l-oħra tal-M3 naqsu b'EUR135.0 miljun, jew 1.2%, prinċipalment minħabba transazzjonijiet bejn il-banek fiż-żona tal-euro, li jidhru bħala obbligazzjonijiet oħra (netti). Dawn tal-aħħar waqgħu konsiderevolment hekk kif tnaqqis qawwi fis-self meħud mingħand banek fil-kumplament taż-żona tal-euro patta għal tnaqqis fid-depożiti magħmula ma' istituzzjonijiet monetarji u finanzjarji residenti band'oħra fiż-żona tal-euro. Madankollu żieda fl-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal bħal qligħ imfaddal u riżervi żammet il-kontropartijiet l-oħra milli jkomplu jonqsu.

F'Ottubru, ir-rata tal-imgħax medja ppeżata kif applikata minn banek residenti fuq depożiti ta' klijenti naqset bi 8 punti bażi għal 1.54%, filwaqt li r-rata tal-imgħax medja ppeżata applikabbli għal self ċkienet biss b'punt bażi għal 4.47%.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM[1]

*€ miljuni*

| | | Ott-09 | Set-09 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Ott-08 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI[2]** | | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **1** | **4,225.0** | **4,170.4** | **54.6** | **1.3** | **3,813.4** | **411.6** | **10.8** |
| Flus maħruġa[3] | 1.1 | 625.5 | 618.9 | 6.6 | 1.1 | 665.0 | -39.5 | -5.9 |
| Depożiti *overnight*[4] | 1.2 | 3,599.5 | 3,551.5 | 48.0 | 1.4 | 3,148.4 | 451.1 | 14.3 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 1.2.1 | 3,512.2 | 3,470.9 | 41.2 | 1.2 | 3,042.7 | 469.4 | 15.4 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **2** | **8,769.5** | **8,660.2** | **109.3** | **1.3** | **8,955.9** | **-186.4** | **-2.1** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 2.1 | 4,225.0 | 4,170.4 | 54.6 | 1.3 | 3,813.4 | 411.6 | 10.8 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[4] | 2.2 | 111.5 | 109.8 | 1.7 | 1.5 | 114.3 | -2.8 | -2.4 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 2.2.1 | 111.5 | 109.8 | 1.7 | 1.5 | 114.2 | -2.7 | -2.4 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[4] | 2.3 | 4,433.0 | 4,380.0 | 53.0 | 1.2 | 5,028.2 | -595.2 | -11.8 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 2.3.1 | 4,252.0 | 4,142.9 | 109.1 | 2.6 | 4,808.4 | -556.4 | -11.6 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **3** | **8,653.8** | **8,535.6** | **118.3** | **1.4** | **8,802.7** | **-148.8** | **-1.7** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 3.1 | 8,769.5 | 8,660.2 | 109.3 | 1.3 | 8,955.9 | -186.4 | -2.1 |
| Self kontra titoli | 3.2 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas[5] | 3.3 | -115.7 | -124.6 | 9.0 | -7.2 | -153.2 | 37.6 | -24.5 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **4** | **12,965.8** | **12,507.0** | **458.8** | **3.7** | **11,971.4** | **994.3** | **8.3** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4.1 | 3,125.4 | 2,735.7 | 389.7 | 14.2 | 1,950.7 | 1,174.7 | 60.2 |
| li minnu: self lil gvern ġenerali Malti | 4.1.1 | 1,919.4 | 1,918.7 | 0.7 | 0.0 | 1,547.9 | 371.5 | 24.0 |
| Self lil setturi oħra | 4.2 | 9,840.4 | 9,771.3 | 69.1 | 0.7 | 10,020.7 | -180.3 | -1.8 |
| li minnu: self lil residenti lokali | 4.2.1 | 7,584.0 | 7,552.7 | 31.3 | 0.4 | 7,089.8 | 494.2 | 7.0 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **5** | **6,443.6** | **6,919.2** | **-475.5** | **-6.9** | **8,167.2** | **-1,723.6** | **-21.1** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 5.1 | 25,191.5 | 25,268.7 | -77.2 | -0.3 | 29,442.8 | -4,251.3 | -14.4 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 5.2 | 18,747.9 | 18,349.5 | 398.3 | 2.2 | 21,275.6 | -2,527.7 | -11.9 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA** | **6** | **10,755.6** | **10,890.6** | **-135.0** | **-1.2** | **11,336.0** | **-580.4** | **-5.1** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 6.1 | 533.9 | 541.2 | -7.3 | -1.4 | 467.6 | 66.3 | 14.2 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 6.2 | 5,436.3 | 5,346.2 | 90.1 | 1.7 | 4,245.7 | 1,190.5 | 28.0 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 6.3 | 4,785.5 | 5,003.2 | -217.8 | -4.4 | 6,622.7 | -1,837.2 | -27.7 |

(1) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(2) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(3) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Centrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(4) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(5) Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas minn IFM f'Malta wara li jitnaqqsu titoli bħal dawn miżmuma minn IFM f'Malta u maħruġa minn IFM fi kwalunkwe post fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

**Noti:**

L-aħħar data għandha titqies bħala proviżorja. Is-sinjal '+' jfisser bidla perċentwali ta' aktar minn +/- 100.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.